ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 35    IT-TNEJN, 2 TA' OTTUBRU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 2 ta' Ottubru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsllier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea  Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**35/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**35/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Antoine Saliba Haig li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba safar. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**35/01/02** Il-Kunsillier Ralph Puli skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji personali. Il-Kunsill skuża lis-Sur Puli li qabel il-laqgħa kien preżenti fil-Bord tal-Għażla ta' Impjieg.

**35/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 34**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 34 li nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Settembru 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 34 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**35/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**35/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara li saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, li għaliha attendew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku, il-Kunsll ġibed l-attenzjoni dwar il-problema ta' vetturi abbandunati u ipparkjar illegali ta' containers u dwar is-suq fil-beraħ li qed ixekkel is-sigurta' tar-residenti. Is-Segretarju Parlamentari infurmana li se ssir riforma fl-infurzar lokali filwaqt li fl-indafa se jkun hemm kampanja nazzjonali. Fir-rigward tal-monti se jkun hemm riforma wkoll fejn se jkun hemm obbligi fuq il-bejjiegħa.

**35/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li l-attivita' fl-okkażjoni ta' Jum Dinji għat-tfal se ssir fit-22 ta' Novembru 2017.

**35/03/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara laqgħat mal-PARKS u l-uffiċċju tal-President intagħżlu żoni f'Wied il-Kbir, Wied iċ-Ċawsli u Wied is-Sewda biex jitħawwlu s-siġar fl-iskema li se tkun qed tiġi mnedija fl-Istrina 2018.

**35/03/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li wara li ġie ffurmat it-task force fi ħdan il-Ministeru tal-Ambjent, beda x-xogħol ta' tindif fil-widien. Fil-fatt, tlesta it-tindif f'Wied is-Sewda filwaqt li jinsab għaddej dak f'Wied iċ-Ċawsli u wara għandu jibda t-tindif ta' Wied il-Kbir.

**35/03/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni li huwa ddiżappuntat li l-Pelican Lights ta' Triq l-Imdina baqgħu ma ġewx installati wara li kien ġie deċiż biex dawn jiċċaqilqu. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** stqarr li huwa jinsab inkwetat dwar dan għaliex in-nies qed jaqsmu xorta u f'din it-triq diġa kien hemm inċidenti traġiċi għaldaqstant talab azzjoni aktar drastika. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona li l-Kunsill jikteb mill-ġdid lill-Ministru u jinfurmah li jekk is-sitwazzjoni se tibqa' kif inhi sa ftit jiem oħra, il-Kunsill ma jifdallux triq oħra milli jgħajjat Konferenza Stampa u jispjega lill-pubbliku li l-Kunsill ma jista' jerfa' l-ebda responsabbilta' u anzi jerfa' bir-responsabbilta' lil Transport Malta. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**35/03/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni biex jinxtara Sage Line 50 peress li dak eżistenti (Sage Pastel) mhux se jibqa' jiġi sappurtjat. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**35/03/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq kwotazzjonijiet biex jinxtara makkinarju għall-Presepju li qed jiġi mibni fil-bini tat-teatru Grieg fi Ġnien De La Cruz. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan il-makkinarju. Is-Sindku Jesmond Aquilina kompla jispjega li dan il-presepju se jkun miftuħ għall-wiri waqt l-attivita' ta' Casal Fornaro.

**35/03/08** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza minn BAG (Bicycle Advisory Group) fejn saqsew lill-Kunsill xi strateġija għandu għal bicycle lanes. Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-istrateġija għandha tkun dik nazzjonali u mmexxija minn Transport Malta peress li għandu jkun

hemm attenzjoni partikolari fuq toroq arterjali.

.

35/03/09 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq ittra minn residenti ta' Triq tal-Bajjada. Il-Kunsill xtaq jinnota li din l-ittra hija annonima u għandha skop li toskura terzi persuni. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel investigazzjoni skont fejn jidhirlu li hu neċessarju u jieħu azzjoni fejn hemm bżonn.

35/03/10 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza minn URBO dwar Dockless Bikes. Il-Kunsill xtaq jinnota li l-Kunsill għadu kif waqqa' sejħa tal-offerti dwar dan it-tip ta' servizz fil-lokalita' minħabba nuqqas ta' fondi.

35/03/11 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li wara li l-Gvern għadda xi fondi għal resurfacing ta' toroq lir-Reġjuni, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi se jkun qed jingħata Eur9,800 għal Triq Ħ'Attard.

**35/04 RAPPORTI**

**35/04/01 RAPPORT MILL-BORD TAL-GĦAŻLA TA' IMPJIEG TA' EXECUTIVE OFFICER**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport mill-Bord tal-Għażla ta' impjieg ta' *Executive Officer*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-bord jirrakkomanda li l-Kunsill jimpjega lis-Sur Christopher Grech. **DOK 'B1'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex tintlaqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla u jiġi mpjegat is-Sur Christopher Grech.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament u għaldaqstant għandu jiġi ffirmat il-ftehim mas-Sur Grech.**

**35/04/02 KONSULTAZZJONI PUBBLIKA: AWTORITA' TAL-IPPJANAR: REVIEW OF LOCAL PLAN – AREA OF CONTAINMENT FIL-ĦANDAQ**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport mill-Awtorita' tal-Ippjanar li jinsab għall-konsultazzjoni pubbliku u l-kummenti tal-perit. Il-perit jispjega li qed issir proposta biex tiġi estiża iż-żona industrijali, liema żona illum hija indikata bħala l-barra miż-żona tal-iżvilupp. **DOK 'B2'**

**Il-Kunsill qabel unanimament biex joġġezzjona għal din li-proposta peress li fil-prinċipju l-Kunsill huwa kontra li żoni l-barra miż-żona tal-iżvilupp jiġi kkonvertit għal użu ieħor, f'dan il-każ użu industrijali.**

**35/04/03 APPROVAZZJONI TAL-MARKETING AND COMMUNICATION STRATEGIC PLAN**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence **DOK 'B3'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**35/04/04 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT DWAR L-INDIKATURI TA' PERFORMANCE (KPI)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence. Huwa kompla jispjega li l-indikaturi magħżula huma dawk li ġew stabbilit mill-espert tal-Council of Europe fir-rapport li huwa ħejja għall-Kunsilli Lokali Maltin. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi huwa l-ewwel Kunsill Lokali Malti li qed jħejji għall-ewwel darba dan ir-rapport bil-KPIs.
**DOK 'B4'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport u ġie deċiż biex jiġi mistieden is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet biex tissejjaħ Konferenza Stampa ħalli jiġi vvarat dan ir-rapport.**

**35/05** **RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**35/05/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia sabiex jressaq għall-konsiderazzjoni is-suġġett dwar il-Europe for Citizens. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** stqarr li huwa ressaq din l-materja biex jara jekk il-Kunsill għandux ir-rieda li l-Kunsill jaħdem fuq proġetti ta' skambji ma' lokalitajiet barranin. Is-Sindku Jesmond Aquilina stqarr li dan is-suġġett tal-ġemellaġġ wieħed irid jara xi triq se jieħu l-Kunsill peress li fil-passat kien hemm kuntatti ma' bliet oħrajn li iżda r-relazzjonijiet ma baqgħux jinżammu fuq livell ta' Kunsill. Madanakollu, huwa sostna li l-Kunsill xorta għandu jara possibiltajiet ta' fondi ewropej biex isiru skambji ma' bliet ewropej oħrajn.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jikkunsidra possibilitajiet ta' fondi ewropej biex isiru skambji ma' bliet barranin oħrajn.

**34/05/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** fakkar li fit-22 ta' Ottubru se ssir attivita' bħala parti mir-responsabbilta' li taqa' taħtu, Animal Welfare. L-attivita' se tkun tikkonsisti b'mixja bl-annimali u se tkun qed tiġi organizzata b'kollaborazzjoni mal-Qormi Atheltic Club. Il-Kunsill għandu jqabbad bowser biex jaħsel wara l-attivita'.

**Il-Kunsllier Josef Aquilina** kompla li hemm bżonn li Triq il-Mitħna (ma' Triq San Franġisk) issir one-way fil-peak hours u jintbagħat gwardjan lokali biex jissorvelja vetturi li jkun hemm ipparkjati ħażin li jostokolaw it-traffiku.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** informa lill-Kunsill li l-Qormi Sports and Fitness Park tnaddaf sew filwaqt li għad fadal manutenzjoni urġenti xi ssir minn SportMalta.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** spjega li saret laqgħa ma' Gal Xlokk fejn se joħorġu żewġ miżuri li l-Kunsill se jkun jista' japplika għalihom. Waħda dwar *Green Embellishment* fejn il-Kunsill se jkun qed japplika għat-tisbiħ tal-ġnien fi Triq is-Sajf u s-*soft areas* mal-oqsma tad-djar f'Ta Farsina. Il-

Kunsll qabel nem.con. Filwaqt li l-miżura l-oħra se tkun dwar restawr u l-Kunsill se jkun qed jirrestawra s-Salib tad-Dejma.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab ukoll li tiġi studjata l-possibilta' li ssir *parking area* fil-fetħa li hemm bejn Triq il-Kus u Triq iċ-Ċawsli. Il-Kunsill qabel *nem.con* li għandu jevalwa din il-possibilta'.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-problema tat-traffiku li hemm fi Triq il-Belt Valletta, in-naħa tal-Blat, fejn issuġġerixxa li jsir traffic management ġdid u t-triq tiġi *one-way*. **Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** stqarr li meta fil-passat il-Kunsill ipprova jagħmel dan u beda bil-konsultazzjoni mar-residenti, il-Kunsill ma wasalx fi ftehim minħabba li kien hemm opinjonijiet diverġenti mir-residenti.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** talab konsulenza tal-perit dwar traffic management aħjar fi Triq il-Blata u Triq Ġużeppi Ciappara.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir manutenzjoni minn Sport Malta tal-Qormi Sports and Fitness Park għaliex hemm tagħmir tal-logħob li jistgħu jweġġgħu t-tfal. Huwa kompla li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4. Finalment il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia xtaq li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar it-trasport pubbliku li mhux qed jaqdi lill-Qriema kif suppost għaliex ir-rotta 61 qed tkun mimlija u tibqa' għaddejja minn Ħal Qormi mingħajr ma tieqaf.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** infurmat lill-Kunsill li t-taħdita li saret fis-16 ta' Settembru, kienet suċċess filwaqt li kienet qed taħdem fuq l-organizazzjoni ta' Health Fest fejn fil-laqgħa li jmiss tkun f'qagħda aħjar li tagħti aktar informazzjoni.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** saqsa dwar jekk il-Kunsill huwiex se jkun qed jagħmel il-facebook uffiċjali tal-Kunsill. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** wieġeb fl-affirmattiv u għaldaqstant il-**Kunsillier Cremona** flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għandhom jikkordinaw din l-inizzjativa.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** rrimarka li r-responsabbilta' tiegħu tal-indafa ma tieqafx u wara ħafna ħidma qed jidher il-frott fejn il-lokalita' hija ħafna aktar nadifa u minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom sar progress. **Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** kompla li għad

fadal ħafna xi jsir u jistenna li l-kuntratturi jagħtu xogħol kif jitlob il-kuntratt.

**35/06** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru 2017
**b)** *Bank Payments* Settembru 2017
**c)** *Petty Cash* Settembru 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**35/07** **NOMINI GĦALL-ĦATRA TA' SOTTO-KUMITATI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera jinnominaw ħatriet għall-sotto-kumitati, fejn ressaq mozzjoni biex jinħatru dawn li ġejjin:

**Sotto Kumitat tas-Sigurta u Kummerc**

Chairperson – Ralph Puli (Kunsillier Responsabbli)
Membri –
George Steve Darmanin (Health & Safety Specialist)
Charles Cuschieri

**Sotto Kumitat.Transport Pubbliku u Immaniggjar ta' Traffiku**

Chairperson - Renald Falzon (Kunsillier Responsabbli)
Segretarju - Dylan Falzon

Membri -
Charles Micallef
Damien Falzon
Manuel Deguara
Sylvia Cassar
Clive Azzopardi
Carmel Duca
Joseph Viacava
Lucio Saliba
George Briffa
Albert Jones
Debbie Meilaq

**Sotto Kumitat Annimal Welfare – Harsien tal-Annimali**

Chairperson – Josef Aquilina (Kunsillier Responsabbli)
Membri –
Marilyn Baldachino Gatt
Maria Jenkins

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni.

**35/08 MOZZJONIJIET**

**35/08/01 MOZZJONI 60/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex diġa ppropost mill-Kumitat tal-Progetti, il-Kunsill Lokali jagħmel xogħlijiet ta' tisbiħ fil-ġnien li jinsab f'Misraħ iż-Żebbug (disinn preliminari anness);*

*Billi nagħtu struzzjonijiet lill-Perit japplika għall-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar*

*Billi nuzaw il-finanzjament tal-Urban Improvement Fund*

*Billi tinħareġ sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 60/2017.

**35/09** **AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 6 ta' Novembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum __ ta' __________ 2017.**